MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 224/2008

Kawza fil-lista: 48

**A B C**
**vs**
**D B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Mejju elf disgha mija u sebgha u disghin (1997), kif jindika c-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. A.

Illi l-kontendenti minn dana z-zwieg kellhom erbat (4) itfal, E ta’ ghaxar (10) snin, F ta’ disgha (9) snin, G ta’ tmien (8) snin u H ta’ hames (5) snin;

Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ ghadiex aktar possibli minhabba illi l-intimat rrenda ruhu hati lejn ir-rikorrenti ta’ adulterju, theddid, sevizzi, eccessi, ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibilita’ tal-karattru u konsegwenza ta’ dan ir-rikorrenti kBlha tabbanduna d-dar matrimonjali flimkien ma’ uliedha u tabita go shelter.

Illi r-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f’ din l-istanza (Dok B);

Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din l-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B C minhabba adulterju, theddid, sevizzi, eccessi, ingurji gravi, illi l-intimat kkommetta kontra l-mara tieghu r-rikorrenti.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E, F, G u H esklussivament lir-rikorrenti;

3. Tikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti ghall-minuri E, F, G u H dik ir-retta alimentari dovuta skond il-Ligi li ghandha tinqata direttament minn kull beneficcju jew introjtu iehor li jkollu l-intimat;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess b’ mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-kontendenti inkluz kull dejn ma’ terzi.

Bl-ispejjez tal-presenti kontra l-intimat illi hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;  kif ukoll sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi mhux kontrastati jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin Libjan, fl-24 ta' Mejju 1997 u minn dan iz-zwieg ghandhom erbat-it tfal, ilkoll minorenni: E [10 snin], F [9 snin], G [8 snin] u H [5 snin].

Illi mill-bidu tal-konvivenza matrimonjali l-konvenut wera ghira qawwija fil-konfront ta' martu, bir-rizultat li kien ikun aggressiv billi jinfexx jghajjat, jitkBlem hazin u jkisser l-affarijiet, u jaghmB xenati anke quddiem it-tfal.  Huwa pero' kien jahdem u kien imantni l-familja tieghu.

Izda fis-sena 2002 huwa kien beda johrog ma' shabu u jdum tard bil-lejl u kien  jirritorna b' riha ta' xorb.  F' dan iz-zmien huwa kien warrab lill-attrici u jittraskura lilha u lil uliedu.

Sussegwentement ghal habta tas-sena 2004 huwa kien qabad il-vizzju tad-droga, kien tilef ix-xoghol tieghu, u kien sar aktar aggressiv fil-konfront ta' l-attrici u tat-tfal. Kien anke jheddidhom b' sikkina.

Sussegwentement fis-sena 2006 huwa deher li kien hareg mill-vizzju tad-droga u ghal ftit taz-zmien kien rega' beda jahdem, izda rega' spicca bla xoghol.  Rizultat ta' incident li fih l-attrici giet aggredita fizikament mill-konvenut, hija harbet mid-dar konjugali bit-tfal u sabet refugju f' shBter. Intant fl-10 ta' Dicembru 2007 huwa kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala qorti ta' gudikatura kriminali, ta' reati ta' vjolenza, fizika u morali, maghumla

minnu fil-konfront ta’ martu, u kien gie kkundnnat ghall-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta manifest li tul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut ikkommetta azzjonijiet fil-konfront ta’ martu, fuq bazi abitwali, u li kienu tali li rrendew il-hajja konjugali nsapportabbli ghall-attrici. Dan il-komportament abbuziv, ripetut u kostanti, da parti tal-konvenut jikkwalifika bhala ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40, u jiggustifika fil-fatt u fid-dritt it-talba taghha ghas-separazzjoni personali.

Mill-banda l-ohra l-addebitu ta’ l-adulterju da parti tieghu ma giex provat.

**Kura u Kustodja**
Illi rigward il-kura u kustodja tal-minuri, jirrizulta car li huwa fl-interess tat-tfal taghhom minuri li dawn jibqghu fil-kura u kustodja esklussiva ta’ ommhom l-attrici; bid-dritt ta’ l-access favur il-missier, skond il-modalita’ li tiffissa din il-Qorti fuq rikors appozitu tal-konvenut; izda that supervizjoni almenu ta’ l-attrici.

**Manteniment**
Illi l-attrici qeda titlob li l-konvenut jhallasha manteniment ghal erba’ uliedhom minuri. Din il-Qorti tosserva li l-provi f’ dan ir-rigward huma skarsi, u ma rrizultax car jekk fil-prezent il-konvenut huwiex jahdem jew le.

Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti tordna li, fil-kaz li l-konvenut jkun qed jghix bl-assistenza socjali, terz [1/3] minn kull beneficcju percepit minnu ghandu jintbaghat direttament mid-dipartiment koncernat lill-attrici bhala manteniment ghat-tfal.

Fil-kaz li jirrizulta li l-konvenut qed jahdem, allura huwa ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ tlett mija u hamsin ewro [€350] kull erba’ gimghat bhala manteniment ghal uliedu. Il-manteniment ta’ kull wild minuri huwa ta’ €87.37; u ghandu jizdied kull sena skond l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja, u jispicca awtomatikament meta l-minuri

koncernat jsir maggjorenni, jew jibda jahdem bi qligh adegwat. Il-manteniment dovut ghandu jinqata' direttament mis-salarju jew paga tal-konvneut, u jintbaghat direttament lill-attrici fl-indirizz taghha.

Illi f' kull kaz, ic-children's allowance, u kull beneficju socjali iehor dovut minhabba l-minuri, ghandu jigi mibghut u percepit esklussivament mill-attrici.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-provi f' dan ir-rigward huma skarsi, u l-Qorti hija propensa li taccetta l-pretensjoni ta' l-attrici li mill-mobbli tal-komunjoni tigi assenjata lilha l-fridge u l-kamra tat-tfal; ghaldaqstant il-qorti qed tassenja dawn il-mobbli lill-attrici filwaqt li qed tassenja l-kumplament ta' l-assi tal-komunjoni, inkluza l-kirja tad-dar konjugali numru 39 Flat 22 OkBla Agius, Qormi Road, Hamrun lill-konvenut.

*Oggetti Parafernali*

Illi l-attrici tghid, u ma gietx kontraddetta, li fil-fond konjugali hemm is-segwenti oggetti parafernali: salott, wall unit, tBevision, zewg imwejjed, linfa u mejda fil-kcina. Il-Qorti tordna li dawn l-oggetti jigu konsenjati lill-attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwB talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Kura u Kustodja';

[3] tilqa' it-tiBet talba skond kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Manteniment';

[4] tilqa' ir-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u li din tigi assenjata skond kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------